MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 423/2012

**Bank of Valletta plc**

**Vs**

**Luciano Ciantar u b'digriet tal-1 ta' Novembru 2012 gew nominati Dr Mark A. Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Nadine Farrugia bhala kuraturi**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fis-27 ta' April 2012 il-bank attur qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta' tlettax-il elf mija u tlett ewro u wiehed u tmenin centezmu (€13,103.81), bilanc ghad-debitu fil-*Loan Account* ta' Luciano Ciantar mal-Bank of Valletta plc flimkien mal-imghax ulterjuri mit-22 ta' Marzu 2012 sad-data tal-hlas.

Il-kuraturi wiegbu li m'humiex edotti mill-fatti.

Ir-rapprezentant tal-bank xehedet u kkonfermat li mid-data li giet ipprezentata l-kawza ma sar ebda pagament. Mid-dokumenti annessi mar-rikors guramentat jirrizulta li ilu s-snin ma jsir hlas. Luciano Ciantar kien inghata l-facilita fl-24 ta' Jannar 2006 meta nghata self ta' Lm4,000 li kellu jithallas f'hames (5) snin permezz ta' pagamenti mensili ta' Lm79.68 fix-xahar. Mill-attri hu altru milli evidenti li Luciano Ciantar ma zammx mal-ftehim.

Fic-cirkostanzi t-talbiet tal-bank huma gustifikati.

Ghalaqstant il-qorti tilqa' t-talbiet u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Bank of Valletta plc is-somma ta' tlettax-il elf mija u tlett ewro u wiehed u tmenin centezmu (€13,103.81), bl-imghax kif mitlub. Spejjez a karigu tal-konvenut b'dan li d-dritt tal-kuraturi ghandu provizorjament jithallas minn Bank of Valletta plc.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------